MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Rikors Numru. 1011/2007

Fl-Atti tar-Rikors tas-soċjeta' **D.I. Limited** bin-numru tar-reġistrazzjoni (C-20906)

**Il-Qorti:**

Rat il-provvediment kamerali mogħti minnha fid-29 ta' Ottubru, 2007[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, qiegħdet il-kumpannija D.I. Limited taħt proċedura biex tirkupra u ħatret lill-avukat Andrew Borġ Cardona bħala kontrollur speċjali tagħha għal żmien ta' għaxar xhur minn dakinhar;

Rat in-Nota mressqa mill-imsemmi kontrollur speċjali fl-20 ta' Novembru, 2007[2];

[1] Paġġ. 201 – 211 tal-proċess
[2] Paġ. 218 tal-proċess

Rat ir-rapporti *interim* imressqin mill-istess kontrollur speċjali fis-26 ta' Novembru, 2007[3], u fit-23 ta' Marzu, 2009[4];

Rat id-degrieti tagħha tat-3 ta' Settembru, 2008[5], tas-26 ta' Marzu, 2009[6], tat-3 ta' Ġunju, 2009[7], tas-16 ta' Lulju, 2009[8] u tat-30 ta' Lulju, 2009[9], li bihom fuq talbiet magħmulin b'rikorsi mressqin minnu, tawlet iż-żmien tal-ħatra tal-kontrollur speċjali;

Rat ir-rapport imressaq mill-kontrollur speċjali fl-14 ta' Settembru, 2009[10], għal-finijiet tal-artikolu 329B(12)(d) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li mill-imsemmi rapport joħroġ li, minkejja t-tamiet imnissla mill-pjan imfassal sa minn ftit taż-żmien wara l-għoti tal-ewwel provvediment, ma jidhirx iżjed possibbli li l-kumpannija D.I. Limited tinsab f'qagħda li tirkupra. Dan seħħ għar-raġunijiet imsemmija fir-rapport u minkejja li l-ħatra tal-kontrollur speċjali kienet qiegħda tittawwal b'perjodi qosra u wara li l-istess kontrollur kien irrinunzja wkoll għar-rimunerazzjoni wara li għalaq iż-żmien oriġinali tal-ħatra tiegħu;

Rat li r-rapport tal-kontrollur speċjali jsemmi li kienet qiegħda titħejja t-tieni parti tar-rapport tiegħu – dik li fiha l-konklużjonijiet, sejbiet u fehmiet tal-awdituri u tal-*accountant* maħturin mill-kontrollur speċjali – liema dokumenti, madankollu, ma kenux għadhom tressqu quddiem din il-Qorti hija u tagħti dan il-provvediment;

Rat li mill-ħidma mwettqa mill-kontrollur speċjali, ftit huma l-pendenzi li għadhom fis-seħħ dwar it-tmexxija tal-kumpannija D.I. Limited, u l-Qorti jidhrilha xieraq li, biex ma tkabbarx aktar l-ispejjeż bla bżonn, tqis il-ħatra tal-avukat Borġ Cardona bħala stralċjarju ladarba huwa

[3] Paġġ. 221 – 4 tal-proċess
[4] Paġġ. 239 sa 241 tal-proċess
[5] Paġ. 236 tal-proċess
[6] Paġ. 242 tal-proċess
[7] Paġ. 244 tal-proċess
[8] Paġ. 246 tal-proċess
[9] Paġ. 254 tal-proċess
[10] Paġġ. 255 sa 262 tal-proċess

midħla ħafna tal-ġrajja u ċ-ċirkostanzi kollha tal-istess kumpannija, u ladarba l-liġi ma tgħid xejn kontra l-ħatra ta' kontrollur speċjali bħala stralċjarju wara li tagħlaq il-fażi tal-proċess biex kumpannija tirkupra;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi definittivament billi:

**Tħassar** ***contrario imperio*** d-degriet tagħha tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru, 2007, safejn kienet ordnat li l-kumpannija D.I. Limited (C-20906) titqiegħed taħt proċedura biex kumpannija tirkupra skond l-artikolu 329B tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji;

**Tħassar** il-ħatra mogħtija lill-Avukat Andrew Borġ Cardona bħala kontrollur speċjali b'seħħ mil-lum;

**Tordna** l-istralċ bil-Qorti tal-imsemmija kumpannija D.I. Limited għall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 329B(14) tal-imsemmi Att;

**Taħtar** lill-imsemmi Avukat Andrew Borġ Cardona bħala stralċjarju tal-imsemmija kumpannija għall-finijiet u effetti kollha tal-artikoli 235, 238 u 239 tal-imsemmi Att, u dan fid-dawl tar-riżultanzi tar-rapport imressaq minnu dwar il-pendenzi limitati li fadal dwar it-tmexxija tal-imsemmija kumpannija;

**Tordna** li l-kumpannija D.I. Limited tħallas l-ispejjeż kollha marbuta mal-istadji tal-proċedura biex kumpannija tirkupra; u

**Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti** sabiex, għall-finijiet tal-artikoli 329B(12)(a), 329B(13)(a) u 329B(14) tal-imsemmi Att, jibgħat minnufih kopja ta' dan il-provvediment u kopja tar-rapport imressaq mill-kontrollur speċjali lir-Reġistratur tal-Kumpanniji, għar-reġistrazzjoni.

Mogħti kameralment, illum disgħa (9) ta' Diċembru, 2009.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------